22004D0160

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 160/2004

tad-29 ta' Ottubru 2004

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2004 tat-8 ta' Ġunju 2004 [1].

(2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi d-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa l-2008) li jimpedixxi u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ, u n-nisa u li jipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju (il-programm DAPHNE II) [2].

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-Paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati EFTA għandhom jipparteċipaw fil-programmi u fl-azzjonijiet tal-Komunità msemmija fl-ewwel żewġ inċiżi tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar 1996, fil-programm imsemmi fit-tielet inċiż mill-1 ta' Jannar 2000, fil-programm imsemmi fir-raba inċiż mill-1 ta' Jannar 2001, fil-programmi msemmija fil-ħames u fis-sitt inċiż mill-1 ta' Jannar 2002 u fil-programmi msemmija fis-seba' u fit-tmien inċiż mill-1 ta' Jannar 2004."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-paragrafu 8:

"— **32004 D 0803**: Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa l-2008) li jimpedixxi u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ, u n-nisa u li jipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju (il-programm DAPHNE II) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1)."

[1] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 52.

[2] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kjartan JOHANNSSON

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali m'huma indikati